KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 10/7/194/15

**<u>Minuti tal-Laqgħa Nru. 10</u>**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċini amministrattivi, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar it-Tlieta 17 ta' Novembru 2015. Il-laqgħa bdiet fil-5.30pm. Għal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku Dominic Grima, il-Viċi Sindku Steven Axisa, l-Kunsillier Roderick Spiteri, il-Kunsillier Bernard Sean Lynch, l-Kunsillier Nicholas Seychell u l-Kunsillier Ivan Bartolo.

Kien hemm preżenti wkoll is-Segretarju Eżekuttiv Kurt Scerri.

Il-Kunsillier Tyrone Muscat kienu skużat.

## 1. <u>Minuti</u>

1.1. Il-Minuti nr.6 ġew approvati *nem com.*
1.2. Il-Minuti tal-laqgħa b'urġenza nr. 7 ġew approvati *nem com.*
1.3. Il-Minuti tal-laqgħa b'urġenza nr. 8 ġew approvati *nem com.*
1.4. Il-Minuti tal-laqgħa b'urġenza nr. 9 ġew approvati *nem com*

1.5. Dwar dawn il-minuti, il-Viċi Sindku Steven Axisa xtaq iżid li dwar il-punt li tqajjem mil-Kunsillier Muscat, fid-dawl li bħala Kunsill m'għandiex responsabiltà fuq il-*bill board* tal-ħabs xorta hemm bżonn li din il-materja tiġi diskussa mal-Ħabs. Huwa kompla billi qal li xorta waħda jixtieq juri id-diżapprovazzjoni tiegħu għal-poster li twaħħal. Għaldaqstant il-membri qablu li jiddiskutu dan ma' l-awtoritajiet tal-Ħabs.

1.6. Dwar il-lezzjonijiet ta' l-*aerobics* is-Segretarju Eżekuttiv informa l-membri li dawn il-lezzjonijiet ser jibdew f'Jannar 2015.

## 2. <u>Korrispondenza</u>

2.1. Irċevuta m'għand l-SOS Malta wara l-Car Wash li sargħet mill-Kunsill Lokali Paola fil-Pjazza Ant. De Paule.

2.2. Ittra mingħand 202 Jewellery sabiex jitpoġġa reklam fir-roundabout ta' Triq Żabbar. Il-membri approvaw skond id-dispożizzjonijiet tal-*byelaw* tar-reklamar.

2.3. Talba mingħand l-Għaqda Mużikali Kristu Sultan Banda Paola sabiex fid-dawl li m'għandhomx sala fejn isiru l-kunċerti tal-banda dawn isiru fis-sala tal-Kunsill. Il-membri approvaw.

2.4. Talba mingħand CCIF sabiex jużaw is-sala tal-Kunsill għal-Volunteer Training Day. Il-Viċi Sindku astjena u l-kumplament tal-membri approvaw.

2.5. Ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn tinforma lil membri illi qed tingħata is-somma ta' €5,000 b'risq l-attività Milied f'Casal Paola. Is-Sindku kompla billi qal li ser jintefqu wkoll b'total ta' €2,700 b'risq l-armar tal-Milied. Il-membri approvaw. Il-Kunsillier Bernard S. Lynch talab li l-Kunsill jingħata aktar informazzjoni dwar l-attività Milied f'Casal Paola.

2.6. Ittra mingħand il-Kumm. Ġimgħa l-Kbira sabiex tingħata attenzjoni speċjali biex ma jitħallewx *wires* ta' l-armar tal-Milied imdendla fit-toroq. Il-membri qablu li din tissemma fil-laqgħa li għanda issir ma' l-għaqdiet.

2.7. Ittra mingħand TCTC fejn qed joffru kors tal-kompjuter għall-anzjani għall-prezz ta' €1150. Dawn hemm ħsieb li jsiru fil-kumpless tat-TCTC li hemm fil-lokalita stess. Il-membri approvaw.

2.8. Ittra mingħand Transport Malta fejn qed jipproponu li isir xogħol li permezz tiegħu jiġi organizzat il-parkeġġ fil-parti ta' wara Shreiber fi Triq il-Durajsa parti li tmiss ma Triq il-Gurbell. Il-membri approvaw li isir dan ix-xogħol u talbu li dan isir minn Transport Malta.

2.9. Rapport mingħand il-Perit tal-Kunsill b'rabta ma' Triq Tarxien, liema rapport twassal għand Transport Malta minħabba l-fatt illi din kienet sargħet difettuża min-naħa tagħhom.

2.10. Żewġ talbiet għall-ħsarat li sofrew żewġ sewwieqa fil-vetturi tagħhom. Fid-dawl tad-Direzzjoni mogħtija mil-Bord tal-Goverenanza Lokali u wara li raw li d-dokumenti mitluba huma kollha mressqa, il-membri qablu li l-Kunsill Lokali Paola għandu jagħmel tajjeb għall-ħsara li sargħet fit-tyres wara li għaddew fit-triq Kampanella.

2.11. Ittra mingħand il-Kuntrattur Elton J. Zammit dwar l-ittra li intbagħtet lilu fejn qed jiċħad l-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu u talab li akkużi bħal dawn jitressqu flimkien mal-provi. Talab ukoll li din l-ittra titressaq quddiem il-Kunsill. Hawnhekk il-Kunsillier Seychell xtaq jistaqsi b'liema mod intbagħtet dik l-ittra u talab li din tiġi irtirata fid-dawl li l-Kunsill ma kienx infurmat. Is-Sindku irrisponda li dan mhux minnu għaliex huwa qal li fil-laqgħa numru 6 huwa iddiskuta dan mal-membri u informa lil mejda li kien ħa jibgħat ittra uffiċjali lil kuntratturi li ma jkunux qed joperaw b'mod tajjeb, sabiex jirranġaw l-operat tagħhom. Is-Sindku kompla u qal li huwa kellu laqgħa mal-kuntratturi flimkien mal-kunsillier Seychell fil-bidu tal-leġislatura fejn kienet inġibdet l-attenzjoni ta' numru ta' problemi fejn il-kuntratturi stess kienu qablu li kien hemm nuqqasijiet x'jitranġaw. Il-Viċi Sindku Axisa qal li fid-dawl tal-fatt li l-Kunsill m'għandux *contracts manager* mhux faċli tindika n-nuqqasijiet tal-kuntratturi. Is-Sindku irrisponda li huwa il-ħin kollu idur mal-lokalita u kapaċi jindika fejn hemm nuqqasijiet fejn fost l-oħrajn jinqabżu toroq għal-knis. Il-Viċi Sindku irrisponda li jkun hemm ċirkustanzi fejn l-ilmenti li jaslu ma jkunux veri. Is-Sindku irrisponda u qal li huwa jkun għaddej mil-lokalita u l-ilmenti ma jieqfux jaslu għandu apparti li jinnota huwa stess. Il-Viċi Sindku talab li darb'oħra ittra bħal ma intbagħtet tasal għand il-Kunsilliera wkoll. Il-membri qablu. Il-membri iddiskutew ukoll il-possibilità li jitqabbad *contract manager.* Kien hemm qbil li dan jiġi diskuss aktar il-quddiem.

## 3. Tender Proġett Linking the Lines

3.1. Is-Sindku qal illi wara li l-Kunsill Lokali ħareġ sejħa għall-offerti għal xogħol ta' disinn u PR dwar il-proġett *Linking the Lines* fejn l-unika offerta li waslet kienet ta' *Mad Promotions* għall-prezz ta' €8801. Fid-dawl li din l-offerta kienet l-unika waħda u kienet *technically compliant* il-membri approvaw.

## 4. Parkeġġ Triq Żabbar (l-aħħar parti)

4.1. Is-Segretarju Eżekuttiv xtaq jinforma lil membri illi dan l-aħħar kien qed ikun hemm parkeġġ irresponsabbli fl-aħħar parti ta' Triq Żabbar quddiem il-ħwienet, fejn hemm ukoll *central strip*. Dan qed iwassal biex jeħlu vetturi ta' trasport pubbliku. Is-Segretarju informa lil Transport Malta b'dan u l-awtorità talbet sabiex il-Kunsill Lokali jipproponi hu x'għandu isir f'din il-parti. Il-membri iddiskutew din il-materja u qablu li isir ri-disinn ta' l-akwata fejn fost l-oħrajn tista' tiċċekken il-bankina biex jidħol parkeġġ fl-aħħar parti però sakemm isir dan ix-xogħol m'għandux isir parkeġġ.

## 5. Ismijiet tat-toroq

5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri li hemm bżonn li tissemma it-triq tat-torrijiet issa li din tlestiet. Il-membri iddiskutew din il-materja u ssemmew diversi ismijiet differenti. Il-membri qablu li jittieħed parir mingħand is-Sur Alfred Ellul Galea qabel tittieħed deċiżjoni.

## 6. Komunikazzjoni mis-Sindku

6.1. Is-Sindku Dominic Grima informa lil membri illi bħala parti mill-proġett Linking the Lines, hemm bżonn issir esebizzjoni. Bħala post ġie ssuġġerit li isir użu mill-kampnar tal-Knisja però hemm bżonn ftit xogħol li jsir. Wara li l-Viċi Sindku ta aktar dettalji ta' din l-esebizzjoni il-membri qablu li din l-esebizzjoni issir fuq sular wieħed tal-kampnar u jsiru xogħolijiet żgħar ta' manutenzjoni.

6.2. Is-Sindku Dominic Grima qal li dwar l-applikazzjoni li hemm bżonn issir b'rabta mal-proġett tar-restawr tal-Knisja ta' St. Ubaldeska, hemm bżonn li toħroġ sejħa għall-*coservation architect*. Il-Membri approvaw.

## 7. Skeda tal-Pagamenti

7.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 10 għas-somma ta' €53,373.68.

## 8. Aġġornament

8.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-7:05pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 15 ta' Diċembru 2015.

| | |
|---|---|
| Kurt Scerri | Dominic Grima |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |